# IT-TIENI PARTI
# IT-TIELET SEZZJONI
# APPELLI INFERJURI

**6 ta' April, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**

Francesco Brullo

*versus*

Saviour Borg *et noe*

**Kreditu – Valuta – Liri Maltin – Sterlini**

*L-attur ippretenda li kien fadallu jieħu bilanċ mingħand is-soċjetà konvenuta.*

*Il-kwistjoni kienet jekk il-ftehim kien ġie konkluż f'Liri Maltin jew Sterlini.*

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u sabet illi l-ftehim kien sar f'Liri Maltin, li l-attur kien tħallas u li ma ppruvax il-pretensjonijiet tiegħu.*

Il-Qorti: –

Rat l-avviż ta' l-attur għall-kundanna tal-konvenut *nominex* biex iħallsu s-somma ta' mija u ħamsa u sebgħin lira (Lm175),

bilanċ ta' somma akbar rappreżentanti l-onorarju mill-konvenuti *nomine* pagabbli lill-mittenti *in visto* ta' servizzi professjonali reżi lill-konvenuti *nomine* fuq l-inkariku u għall-benefiċċju tagħhom;

Bl-ispejjeż;

Il-konvenuti *nomine* ġew inġunti għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* fejn eċċepew:

1. Illi l-konvenut tħallas kull ammont lilu dovut skond il-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet;

2. Fi kwalunkwe każ huwa sarraf iċ-*cheque* relattiv mogħti lilu mill-eċċipjenti *noe* mingħajr ebda riserva u għalhekk ma jistax javanza pretenzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħtija fit-12 ta' Jannar, 1993, fl-ismijiet premessi li biha ddeċidiet il-kawża billi ċaħdet it-talbiet attriċi bl-ispejjeż, u dan wara li rat u kkunsidrat dak li ġej:

Illi l-attur qed jippretendi mingħand is-soċjetà konvenuta s-somma ta' Lm175 bilanċ ta' prezz ta' xogħol professjonali;

Illi l-konvenuti *nomine* eċċepew li kien sar ftehim ma' l-attur fejn ġew miftiehma rati f'liri sterlini, u huma onoraw dak il-ftehim;

Illi l-Qorti wara eżami rett tal-provi hija tal-fehma li t-teżi

tal-konvenuti hija aktar attendibbli. Il-konvenuti sostnew kategorikament li huma ftiehmu fuq rati bbażati fuq liri **sterlini;** mentri l-attur kemm fid-deposizzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 1990 kif ukoll f'dik tal-5 ta' Frar 1991 wara inċertezza dwar dan il-punt – liema fattur huwa determinanti għall-kawża odjerna;

Fi kliem l-istess konvenuti "meta tkellimna dwar prezzijiet jien m'inhix ċert jekk tkellimniex fuq liri sterlini jew liri maltin, fis-sens li **għandu mnejn ħarġet il-kelma sterlini** waqt li jien qed nitkellem, però dwar dan m'inix ċert". Fols. 21 u 22;

Illi oltre l-premess, teżisti l-konsiderazzjoni li meta l-attur irċieva l-pagament ta' Lm348.50 huwa aċċettah mingħajr riserva;

Illi taħt dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tħoss li l-attur ma rnexxielux jipprova sodisfaċentement it-teżi tiegħu, u għalhekk it-talba attriċi mhix iġġustifikata;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-istess Francesco Brullo, ippreżentata fl-14 ta' Jannar, 1993;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-attur ippreżentata fl-20 ta' Jannar, 1993, *li biha l-appellant talab li din il-Qorti jogħġobha* tirrevoka tannulla u tħassar is-sentenza appellata tat-12 ta' Jannar, 1993, fl-ismijiet premessi u minflok tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti appellati u tilqa' t-talba attriċi kif minnu dedotta bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti *nomine* appellati;

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-konvenuti *nomine* appellati;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur appellant qiegħed jissottometti li l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta qalet li fil-fehma tagħha t-teżi tal-konvenuti hija aktar attendibbli. L-ewwel Qorti rriferiet għal dak li qal l-attur u ċjoè li meta kienu tkellmu dwar prezzijiet huwa mhux ċert jekk kinux tkellmu fuq liri sterlini jew liri Maltin. Dwar dan il-punt, l-attur appellant jissottometti s-segwenti:

(a) li l-inċertezza ta' l-attur ma tirrigwardax jekk il-kuntratt ġiex konkluż b'rati ta' valuta Ingliża jew dik Maltija; Dak li ma kienx ċert fih hu jekk kienx semma "sterlina";

(b) li l-attur huwa Taljan mingħajr konnessjoni ma' l-*Ingilterra. Hu jgħid li l-valuta Taljana hija l-lira u għalhekk huwa* ferm aktar verosimili li setgħet issemmiet il-kelma sterlina bħala mezz informali ta' distinzjoni bejn il-lira Maltija u lira Taljana dan bħala mezz informali ta' distinzjoni bejn il-lira Maltija u dik Taljana;

(ċ) li l-konvenuti urew ċar b'għemilhom li huma kienu ftiehmu ma' l-attur appellant f'valuta maltija b'mod illi l-prezz minnhom pagabbli kien ta' Lm523. In fatti l-ħlas tas-somma ta' Lm348.50ċ;

Fit-tieni lok, l-attur qed jissottometti li s-somma ta' Lm348.50ċ mhix ekwivalenti għas-somma li kellha titħallas lilu kieku r-rati ġew miftiehma b'liri sterlini. In fatti s-somma mħallsa hi eċċessiva;

*Omissis;*

Il-kwistjoni kollha tidher li hi dwar jekk il-ftehim bejn l-attur u l-konvenuti dwar l-ammont li kellu jitħallas ta' xogħlu kienx sar a bażi ta' sterlini kif isostni Joseph Cachia jew fuq liri Maltin kif qed jippretendi l-attur. Issa Joseph Cachia kien ħa n-notamenti ta' dak li kien talbu fuq it-*telephone* l-attur meta kienu qegħdin jiftiehmu. Dawn in-notamenti jinsabu esibiti a fol. 34 bħala Dok. JC. Dawn in-notamenti jindikaw li d-diskors bejnu u l-attur kien sar fuq sterlini. Min-naħa l-oħra, l-attur in kontro-eżami m'huwiex daqshekk ċert dwar jekk dak in-nhar tkellmux fuq sterlini jew Maltin. In fatti f'dak li xehed a (fol. 21) l-attur donnu ried jagħti l-impressjoni li ma kienx jaf preċiż jekk dak in-nhar tkellmux fuq sterlini jew Maltin. Hu stess, għad li llum qiegħed jitlob bilanċ ta' dak li suppost għadu dovut lilu, fil-kontro-eżami tiegħu qal "però dwar dan m'inix ċert". Wara ttenta jdawwarha li mhux dik kienet il-kwistjoni, u li l-konvenuti għamlu skond ma dehrilhom huma stess. Taħt dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti ma tara ebda triq oħra ħlief li taqbel mal-konklużjoni ta' l-ewwel Qorti, u ċjoè li l-verżjoni tal-konvenuti hija ferm aktar attendibbli;

Għandu jingħad ukoll li skond ix-xhud Joseph Cachia, il-kumpanija ħarġitlu *cheque* għall-ammont li fuqu kienu ftiehmu u li l-konvenut sarraf bla ebda riżervi. Dan ifisser li l-attur qabad u aċċetta l-ammont mibgħut lilu u għalhekk illum ma għandu dritt għal xejn aktar. Ix-xiehda ta' Joseph Cachia dwar iċ-*cheque* u li dan issarraf ma ġiet b'ebda mod kontradetta;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tiċħad l-appell ta' l-attur u tikkonferma s-sentenza appellata mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet premessi

fit-12 ta' Jannar, 1993;

L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jiġu sopportati mill-attur appellant.